MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru. 678/2005

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
VS
JOSEPH CASSAR
JURGEN CASSAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Cassar, ta’ 46 sena, bin Emanuel u Joan nee’ Debattista, imwieled Hal Qormi fil-21 ta’ Gunju 1959 u residenti ‘Mon Reve’, Triq l-Ahwa Zammit, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 420959(M), u Jurgen Cassar, ta’ 20 sena, bin Joseph u Giorgina nee’ Felice, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Lulju 1985, u residenti ‘Mon Reve’, Triq l-Ahwa Zammit, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 428585(M).

Joseph Cassar akkuzat wahdu talli gewwa M’Scala, bejn is-16 u s-17 ta’ Frar 2005 f’xi hin filghaxija, ikkommetta

serq ta' tlett skips tal-plastic li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), u dan sar ghad-detriment ta' Zeppi Vella minn San Pawl il-Bahar, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u hin.

Lil Jurgen Cassar wahdu akkuzat talli gewwa San Giljan, bejn l-1 u t-2 ta' Lulju 2005, f'xi hin filghaxija, ikkommetta serq ta' zewg skips tal-plastic li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), u dan sar ghad-detriment ta' Zeppi Vella minn San Pawl il-Bahar u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u hin.

Akkuzati wkoll talli f'dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-Gzejjer, xjentejment laqghu ghandhom jew xtraw erba' skips tal-plastic u ndahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom, liema skips kienu akkwistati b'reat.

U fl-ahharnett talli rrendew ruhhom recidivi ai termini tal-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 261, 267, 270, 279, 280 u 289, 49, 50 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati ghal tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, u dan wara li l-Qorti hadet in

konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali tal-imputati u l-eta' ta' Jurgen Cassar, u l-fatt illi r-res furtiva giet ritornata lil sidha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------